## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMP 456/2025: IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. IVAN GALEA (KI. 500774M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Ivan Galea ta' 50 sena, iben David Galea u Maria Assunta xebba Vella imwieled il-Pieta' ġewwa Malta, nhar il-05 ta' Ottubru 1974, residenti ġewwa Block A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0500774M (hawn imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

**Nhar l-20 ta' Mejju 2025 u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa diversi toroq li jinsabu Valletta u Floriana u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin;**

1. **Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- valur, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaga misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Antoinette Cefai u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

2. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Antoinette Cefai u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

3. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Mary Micallef u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

4. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Mary Micallef u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

5. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaġa misruqa kien iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Georgette Apap u/jew Go Away Productions Malta LTD u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

6. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Georgette Apap u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

7. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, meta sab passaport għandu, naqas milli jikkunsinnah fl-Uffiċju tal-Passaporti jew lill-Pulizija fi żmien tmienja u erbgħin siegħa minn x'ħin sabu.**

8. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Matthew Balzan u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

9. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Matthew Balzan u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

10. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan sar għad-detriment ta' Jean Paul Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

11. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u**

**ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Jean Paul Psaila u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

12. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaga misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Manuel Friedel u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

13. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' CB Car Hire Ltd u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

14. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur, u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaġa misruqa kien iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Tomasz Lacki u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

15. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Go Hire Limited u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

16. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur, u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaġa misruqa kien iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan sar għad-detriment ta' Lara Micallef u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

17. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Lara Micallef u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

18. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, bħala persuna differenti mid-detentur tad-dokument ta' identita', kellu fil-pussess tiegħu dokument ta' identita' li jippartjeni lil ħaddieħor.**

19. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, meta ġie fil-pussess tiegħu xi dokument tal-identita' maħruġ lil xi persuna oħra, naqas milli minnufih jikkonsenjah jew jibgħatu lid-detentur tiegħu jew lill-uffiċjal awtorizzat.**

20. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, seraq strument korporali ta' pagament mhux bi flus kontanti.**

21. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, żamm strument mhux korporali ta' pagament mhux bi flus kontanti, meta l-oriġini illegali kienet magħrufa fil-ħin taż-żamma tal-istrument.**

22. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema valur tal-ħaga misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar ghad-detriment ta' Lisa Baldacchino u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

23. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Lisa Baldacchino u/jew Maria Cassar u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

24. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti liema serq huwa aggravat bil- mezz, u xorta tal-ħaġa misruqa, u dan sar għad-detriment ta' Francesca Ellul u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

25. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma kinitx tiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan sar għad-detriment ta' Francesca Ellul u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.**

26. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, bħala persuna differenti mid-detentur tad-dokument ta' identita', kellu fil-pussess tiegħu dokument ta' identita' li jippartjeni lil ħaddieħor.**

27. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, meta ġie fil-pussess tiegħu xi dokument tal-identita' maħruġ lil xi persuna oħra, naqas milli minnufih jikkonsenjah jew jibgħatu lid-detentur tiegħu jew lill-uffiċjal awtorizzat.**

28. **U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.**

29. **U aktar talli fl-istess data, lok u żmien, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet xi ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta hekk sar jaf.**

30. **Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat Ivan Galea bħala li hu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jigu mibdula.**

rat li l-Qorti ġiet mitluba *inter alia* illi kemm il-darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem l-Artikoli 15A, 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha u dan wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Jeffrey Rizzo u l-Avukat Dr. Joseph Camilleri Azarov għall-Avukat Ġenerali,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young bħala avukat tal-għajnuna legali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħha f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Fit-trattazzjoni dwar il-piena l-Prosekuzzjoni u d-Difiża nfurmaw lill-Qorti li kien hemm qbil informali bejniethom li piena karċerarja effettiva ta' tlett (3) snin tkun xierqa fiċ-ċirkustanzi. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi

minkejja li mhijiex obbligata illi tagħmel dan, hija għandha tagħti widen għal dan il-patteġġjament informali u fiċ-ċirkostanzi, tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi l-imputat għandu fedina penali voluminuża apparti ċirkustanzi oħra li ħarġu mit-trattazzjoni tal-piena, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta u l-interessi tal-imputat jekk timponi piena karċerarja effettiva ta' tlett snin.

3. Il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti illi minkejja t-tentattivi tal-Pulizija, huma ma setgħux jintraċċjaw ir-*res. furtivae* li x'aktarx laħqet inbiegħet mill-imputat biex isostni l-vizzju tiegħu tad-droga. Madanakollu fiċ-ċirkustanzi hija rat illi ikun inutli li l-Qorti toħroġ ordni ta' kumpens ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 ġaladarba l-imputat huwa bniedem indiġenti. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ma kien hemm ħadd preżenti mill-partijiet offiżi sabiex isegwu l-proċeduri u jekk hemm bżonn jagħmlu t-talbiet rispettivi tagħhom ta' kumpens.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi ossia l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 325(1)(ċ), 310F(ċ), 310F(i), 310G(1)(2), 338(dd) u 334A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(2) u 10(1) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 22(1), 22(2) u 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah jiskonta piena karċerarja effettiva ta' tlett (3) snin.**

**Inoltre peress illi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-liġi, qegħda ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal tlett snin u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.**

**Il-Qorti tordna ukoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMP 456/2025: IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. IVAN GALEA (KI. 500774M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2025 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati jitpoġġa taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni ta' Trattament sabiex il-ħati ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga,

wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u l-konsegwenzi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ,

qed tagħti din l-

## Ordni ta' Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>** mil-lum,

2. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħati jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga taħt id-direttivi ta' persuna kwalifikata, skont kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati,

3. Matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |